SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 39**

**L-ERBGĦA 12 ta' LULJU 2010 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU | |
| JOE BONELLO | VIĊI SINDKU | |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER | |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER | |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER | (wasal għall-laqgħa fis-6.00p.m.) |

**SKUŻAT**

| | |
|---|---|
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

Dawn iż-żewġ kunsillieri talbu li jkunu skużati minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsill aċċetta ir-raġunijiet.

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 38 ġew approvati.Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Sindku ssekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**<u>Mill-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi konferma mit-Transport Malta dwar meta ser tibda topera is-sistema ta' Park & Ride. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li waslet korrispondenza b'informazzjoni li din ser tibda topera mis-Sena d-dieħla.

2. Il-Kunsillier qassam kopja ta' artiklu li deher fuq il-ġurnal dwar il-problemi ta' storbju minn studenti barranin matul is-sigħat bikrin ta' filgħodu. Il-Kunsillier Fenech informa li dwar dawn il-problemi ser issir laqgħa ma uffiċjali tal-Puliżija nhar il-Ġimgħa 16 ta' Lulju 2010 fl-12.00.

**<u>Mill-Kunsillier Paul Fenech</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi tweġiba għall-ittra li kienet intbagħtet lis-Segretarju Parlamentari Mario De Marco dwar "Iż-żona Turistika".
   Is-Sindku wieġbet li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsillier issuġġerixxa li tintbagħat reminder

2. Il-Kunsillier staqsa jekk is-Segretarju Eżekuttiv ġarbarx xi informazzjoni dwar l-iskeda ta' pagamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta skeda ta' pagamenti li jsiru minn 3 kunsilli oħra. Wara li saret diskuzzjoni dwar dawn it-tlett skedi ta' pagamenti li tnejn minnhom ġejjien minn Kunsilli kbar, il-Kunsillier Fenech u Curmi ikkonfermaw li dawn għandhom ħafna informazzjoni inqas minn dik li tiġi ppreżentata fil-Kunsill tagħna.
   Għaldaqstant ġie deċiż li l-iskeda ta' pagamenti tibqa issir bl-informazzjoni kollha u l-format ta' kif qed issir fil-preżent. Il-Kunsill unanimament qabel.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku infurmat li hi u l-Kunsillier Fenech kellhom laqgħa mall-Ministru Karmenu Mifsud Bonniċi. F' din il-laqgħa ġew diskussi l-problemi ta' storbju u għajjat li jsir fil-lejl fil-lokalita' minn studenti barranin.
   Il-Ministru wiegħed l-intervent tiegħu u irrikomanda li immedjatament għandha issir laqgħa ma' l-Assistent Kummissarju Raymond Zammit, is-Supretendent Stephan Gatt u l-Ispettur Trevor Micallef. Il-Ministru ser jikkomunika ma dawn l-uffiċjali. Is-Sindku nfurmat li diġa għamlet arranġamenti għal din il-laqgħa li ser issir nhar il-Gimgħa 16 ta' Lulju 2010 fl-12.00. Il-Kunsillier Fenech u Rossignaud ser ikunu preżenti.

2. Is-Sindku nfurmat li għal darba oħra il-Kunsill bagħat ittra lis-Sur Omar Mizzi mill-MEPA dwar l-istat ta' abbandun ta' l-art fi Triq il-Keffa kantuniera ma' Triq il-Qantar. L-ittra tinkludi wkoll rapport iddettaljat mill-Perit tal-Kunsill.

3. Il-Kunsill ġie infurmat li x-xogħlijiet fit-toroq tal-Madliena dalwaqt jibdew. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kuntratturi qegħdin jistennew il-ħruġ ta' permessi mit-Transport Malta.

4. Is-Sindku nfurmat li din is-Sena l-Kunsill ma giex allokat fondi speċjali għall-applikazzjonijiet li saru għal restawrar tal-Victoria Lines, il-Forti Madliena, xogħlijiet ta' tindif fin-naha tas-Swieqi u għassa minn uffiċjali tal-Pulizija fis-siegħat bikrin ta' filgħodu.

5. Il-Kunsill ġie infurmat li bdiet l-attivita' SkolaSajf. Din qed terġa ssir fis-swali u klassijiet fil-bini tal-paroċċa. Il-Kappillan ma talabx kera pero' talab li jinżebgħu l-klassijiet jekk dawn isirilhom ħsara.

6. Il-Kunsill ġie infurmat li bdew ix-xogħljiet ta' fencing madwar il-ħamrija fil-ġnien ta' Triq il-Ħemel.

7. Il-Kunsill ġie nfurmat li t-team ta' Swieqi Football jixtieq li ssir laqgħa mall-Kunsill. Ġie deċiż li l-laqgħa issir mill-aktar fis.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV KORRISPONDENZA

1. Is-Sindku ppreżentat kwotazzjonijiet ta' large patching fi Triq F.X.Ebejer u Triq ta' l-Ibrag (tal-Mekkek). Il-Kunsill aċċetta il-kwotazzjonijiet ta' €15,487.51 u talab biex dawn ix-xogħlijiet jibdew mill-aktar fis.

2. Is-Sindku nfurmat b'korrispondenza mingħand il-Kumitat ta' l-ismijiet tat-toroq dwar 3 ismijiet ġodda biex jingħataw fit-tlett toroq differenti. Il-Kunsill iddeċieda li dawn it-toroq jingħataw l-isem ta':

   i. Triq ir-Radda
   ii. Triq Mattia Preti jew Triq Caravaggio
   iii. Triq Dun Stefan Borg. Dan is-saċerdot bena l-ewwel kappella fis-Swieqi.

### JUM IS-SWIEQI

Is-Sindku ppreżentat programm ta' kant u zfin għall-attivita' Jum is-Swieqi. Bejn wieħed u iehor dan il-programm ser iqum €1775, ħlas ta' kantanti, mużiċisti u żeffiena differenti.
Il-Kunsill qabel ma l-istima. Il-Kunsill talab ukoll kwotazzjoni ta' catering għal madwar 250 persuna. Ma' l-ikel issir wkoll bibita – soft drinks, nbid tal-lokal u birra. Dawn il-kwotazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.

### SKEMA, INZIJATTIVA TA' ATTIVITAJIET 2011.

Wara diskuzzjoni dwar din l-iskema, il-Kunsill iddeċieda li jipparteċipa u għaldaqstant sar qbil li jsir kumitat adoc. Il-membri tal-Kumitat ser ikunu s-Sindku, l-Viċi Sindku kif ukoll il-Kunsillieri Paul Fenech u Rene Rossignaud.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

- Il-Kunsillier talab biex jibgħu jinżebgħu il-litter bins fil-lokalita'.
- Tinbidel il-Bus Stop fi Triq is-Sidra.
- Isir tindif fiż-żona tal-Kappella ta' Santa Rita l-aktar ħdejn il-grotta.
- Tintalab kwotazzjoni mill-Cleansing Department għat-tindif ta' culverts.
- Jinbidlu d-dwal taż-Żebra Crossing fi Triq is-Swieqi u ż-żewġ żebra crossing fi Triq il-Qasam.

1. Kunsillier irraporta wkoll li waslulu ilmenti mingħand ir-residenti dwar xi sinjali sofor li saru fi Triq ġdida fi Triq is-Swieqi. Hu staqsa meta dawn saru u jekk sarux mit-Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jindaga dwar din il-materja.

2. Il-Kunsillier irrimarka wkoll dwar abbużi li qed isiru ħdejn l-iskips ta' Triq il-Ġiżimin. Hu nforma li għandu informazzjoni li persuni magħrufa qed jiddisponu minn affarijiet eletroniċi ħdejn din l-iskip. Hu rrikomanda li għandha ssir sorveljanza mill-Green Wardens. Il-Kunsillier Rossignaud offra li jiltaqa' mall-Green Wardens sabiex jagħti pariri ta' fejn għandha ssir l-għassa.

**Kunsillier Rene Rossignaud**

1. Il-Kunsillier irraporta li s-safety barrier tal-ħadid u ta' l-injam li saru madwar il-bandli fil-ġnien ta' Triq il-Hemel ġew tajbin ħafna.

2. Il-Kunsill talab għall-kwotazzjoni għat-twieqi tal-ħadid biex jinbidlu ma dawk ta' l-injam fil-bini tal-clubhouse.

3. Il-Kunsillier irraporta dawl difettuż fi Triq il-ġdida fi Triq is-Swieqi u fuq in-naħa ta' wara tal-ġnien.

**Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier irraporta li l-Kuntrattur il ġdid tal-ġbir ta' skart qed jaħdem tajjeb ħafna kif ukoll li qed iżomm ħinijiet regolari.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-kwotazzjoni tal-basktijiet taċ-ċoqqa bi prezz ta' €2.10 il wieħed. Il-Kunsill ideċieda li dawn ser iqumu wisq u għaldaqstant ma għandhomx jiġu ordnati. Il-Kunsill talab biex isiru biss l-istikers.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kellu laqgħa mal-Manager tal-Bank of Valletta. Dan offra account b'rati ta' interess ta' 1% ħafna aħjar min dak li għandu l-Kunsill fil-preżent. Is-Segretarju Eżekuttiv irrakomanda li l-Kunsill għandu jibda jiddeposita f' dan l-account. Il-Kunsill unanimament qabel.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li wasal pagament mingħand LES għall-ammont ta' €2247.00.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill rapport finanazjaru li jkopri minn April sa Ġunju 2010. Dan ir-rapport jindika bilanċ possittiv. Ir-rapport jinkludi wkoll il-varations ta' kull vot mill-budget. Il-Kunsillier Curmi talab li dan ir-rapport ghandu jinkludi wkoll in-nefqa attwali ta' l-istess xhur tas-Sena li għaddiet.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-fondi tal-UIF jammontaw għall €212,000.00. Hu irrikomanda li dawn il-fondi għandhom jiġi utiliżżati mill-aktar fis. Il-Kunsill ideċieda li dawn il-fondi għandhom jagħmlu tajjeb għal programm ta' manutenzjoni ta' bankini, restawrar tat-Tennis Court, dawl ġdid fiż-żona tal-Wied fi Triq il-Qasam u għall-proġett ta' Triq il-Keffa. Il-Kunsill talab għall-istimi ta' dawn ix-xogħlijiet.
   Il-Kunsill talab ukoll biex isiru preparamenti għall-offerti ta' manutenzjoni tat-Tennis Court u l-clubhouse li tinkludi żewġ kurduni ġodda fuq il-bini eżistenti.

## VI APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI

1. Gew approvati il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Kunsillier Curmi ssekonda.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00p.m. Sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 19 ta' Awissu 2010 fil-5.30p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**